# Il-Kollezzjoni Programmi tal-Festa

**Librerija tal-Junior College, l-Università ta' Malta**

Fl-2019, il-Librerija tal-Junior College, fergħa mil-Librerija tal-Università ta' Malta, nediet proġett sabiex parti mill-kollezzjoni tal-Melitensia tiġi ddedikata għall-kultura tal-festi reliġjużi Maltin u Għawdxin. Għal dan il-għan, il-Librerija bdiet tiġbor diversi programmi tal-festa li jiġu ppubblikati ta' kull sena minn każini tal-baned, parroċċi, u diversi għaqdiet oħra, inklużi dawk tan-nar u l-armar.

L-esperjenza tagħna bħala librara, u xi ftit jew wisq l-interess dirett fil-qasam kulturali Malti, ġegħelna nagħtu ħarsa mill-qrib lejn il-kontenut ta' dawn il-programmi, kotba mimlija b'materjal ta' riċerka estensiva fuq dak kollu li għandu x'jaqsam ma' temi bħall-antropoloġija, jew aħjar l-istudju tas-soċjetà Maltija, l-arkittetura, l-arti, il-personaġġi Maltin, it-toponimija kif ukoll it-topografija ta' gżiritna, u mhux inqas il-folklor Malti. Nistgħu nikkunsidraw il-ktieb tal-festa bħala tieqa fuq l-aspett soċjoekonomiku u kulturali ta'pajjiżna, fuq dak kollu li jagħmilna uniċi bħala poplu Malti.

Fil-programmi tal-festa ltqajna ma' riċerka estensiva u sinjura, imwassla minn awturi Maltin li ħafna minnhom twieldu u baqgħu jgħixu fl-istess lokalità, kittieba li jistgħu jitqiesu bħala l-istorjografi tar-raħal. Bis-saħħa ta' dawn ir-riċerkaturi, il-kontenut miġbur jinkludi mhux biss dak li jinstab miktub fil-kotba u l-arkivji, iżda wkoll dak li ġie mgħoddi bil-fomm minn ġenerazzjoni għall-oħra.

Fil-Librerija kellna diversi programmi tal-festa, iżda l-ġabra bdiet tassew tiżviluppa meta kollezzjonist ta' dawn il-programmi wera x-xewqa li jgħaddilna l-kopji duplikati li kellu fil-kollezzjoni tiegħu, u b'hekk nistgħu ngħidu li bdejna l-ġabra bl-ewwel elf pubblikazzjoni minn diversi lokalitajiet Maltin u Għawdxin. Diversi każini tal-banda, għaqdiet u parroċċi ġew mgħarrfa b'dan il-proġett, kemm bil-miktub kif ukoll b'mod elettroniku, u bil-bosta kienu dawk li wrew ħeġġa lejn din l-inizjattiva u saħansitra għaddewlna pubblikazzjonijiet tal-passat.

Kull programm tal-festa li jasal għandna jiġi rreġistrat fil-katalgu elettroniku tal-librerija u jitqiegħed f'kaxxi apposta mqassma skont il-lokalità, il-qaddis/a u l-għaqda li tkun ippubblikatu. Tajjeb li nsemmu li f'kull lokalità nsibu diversi għaqdiet li jippubblikaw dawn il-programmi kemm fl-okkażjoni tal-festa tal-qaddis patrun, kif ukoll fil-festi sekondarji u liturġiċi.

It-tim tal-Librerija ħass il-bżonn li titnieda paġna fuq il-midja soċjali, *Facebook*. Il-grupp *'Kollezzjoni Programmi tal-Festa'* ġie kkreat f'Ġunju tal-2020, u sal-aħħar tal-2020 issieħbu 'l fuq minn elfejn membru, fosthom dilettanti u għaqdiet b'konnessjoni mal-festi Maltin, riċerkaturi minn kull qasam tal-ħajja, kemm nies lokali kif ukoll emigranti Maltin. Ta' kuljum fuq din il-paġna jittella' materjal informattiv li fih naġġornaw lill-membri fuq attivitajiet li jkunu għaddejjin f'pajjiżna relatati mal-festi u l-għaqdiet, kif ukoll artikli ppubblikati fil-programmi tal-festa tal-passat.

Fil-preżent il-kollezzjoni tal-Librerija tal-Junior College tikkonsisti f'iktar minn 7,000 pubblikazzjoni, bl-aktar pubblikazzjonijiet antiki jmorru lura għas-sena 1952. Din il-kollezzjoni nistgħu ngħidu li qed tinbena bis-saħħa ta' donazzjonijiet li nirċievu matul is-sena, kemm mill-għaqdiet u l-parroċċi kkonċernati, kif ukoll mill-ħafna persuni li jogħġbhom jgħaddulna materjal mill-kollezzjoni privata tagħhom.

L-għan prinċipali ta' din il-kollezzjoni huwa li jinħoloq post wieħed fejn riċerkatur jista' jkollu aċċess għal din il-minjiera ta' materjal informattiv. Barra minn hekk, għan ieħor ewlieni għalina hu li nesponu x-xogħol ta' dawk l-awturi li jiktbu f'dawn il-programmi, kif ukoll lill-għaqdiet li b'ħafna dedikazzjoni jippubblikawhom sena wara l-oħra.

Għaldaqstant, morna pass ieħor b'dan il-proġett, u bl-għajnuna tal-pjattaforma diġitali, *OAR@UM (https://www.um.edu.mt/library/oar/)*, tal-Università ta' Malta, qegħdin nibnu kollezzjoni elettronika magħmula mir-riċerka misjuba f'dawn il-programmi. Ma' dawn qed ninkludu wkoll, il-programmi tal-festa l-antiki li qegħdin jiġu saħansitra mislufin lilna mill-kollezzjonisti. Bis-saħħa t'hekk, qegħdin nespandu wkoll il-kollezzjoni elettronika. Fost dawn, fil-kollezzjoni tal-programmi tal-festa, insibu kopja diġitali tal-fuljett li ħareġ fl-okkażjoni tal-festa tal-Assunta ċċelebrata fl-Imqabba li jmur lura għas-sena 1898.

Bħalma wieħed jista' jobsor, dan il-proġett ma jieqaf qatt u jinvolvi ħafna xogħol. Għad baqa' ħafna materjal li għadu jrid jiġi inkluż fuq din il-pjattaforma elettronika, iżda kif jgħid il-Malti, bin-naqra n-naqra timtela l-ġarra!

Hu ta' sodisfazzjon kbir għat-tim kollu tal-Librerija tal-Junior College li din il-kollezzjoni hi mfittxija u qed tintuża. Qed ikollna rispons tajjeb minn diversi riċerkaturi Maltin, fosthom xandara li qed jagħmlu riċerka biex ifasslu l-programmi tagħhom, kemm dawk għal fuq ir-radju, kif ukoll fuq it-televiżjoni. Dawn qed jirrikorru ta' spiss għall-materjal elettroniku minn *l-OAR@UM*, u dan lilna qed jimliena bil-kuraġġ li nkomplu fuq din il-linja. Fil-fatt, kellna diversi intervisti fuq ir-radju u anke *feature* qasir fuq programm televiżiv lokali.

Il-Librerija tal-Junior College tieħu l-opportunità biex tirringrazzja lil dawk kollha li b'xi mod jew ieħor kienu ta' għajnuna sabiex tikber u tkompli tiżviluppa din il-kollezzjoni ta' programmi tal-festa, lill-awturi kollha għar-riċerka li jwettqu, u fl-aħħar u mhux l-inqas, lil dawk kollha involuti b'xi mod jew ieħor, sabiex jiġi ppubblikat il-ktieb tal-festa.

Inħeġġu lil min hu interessat, sew jekk biex iżur u jagħmel użu mill-kollezzjoni, kif ukoll lil dawk li forsi jixtiequ jgħaddulna pubblikazzjonijiet Maltin sabiex jagħmel dan billi jikkuntattjana permezz t'ittra elettronika fuq *juniorcollege.lib@um.edu.mt*; jista' wkoll jibgħat messaġġ fuq il-grupp ta' *FB, Kollezzjoni Programmi tal-Festa*, jew iċempel fuq 25907237.

L-Università ta' Malta
Ġ.F. Abela Junior College

KPF
Kollezzjoni Programmi tal-Festa

ROGER'S
Bakery & Pastizzeria

Żejtun

Tel: 2169 4948

Pastizzi żgħar u kbar
friski u friżati
Pizza u sausage rolls
tal-parties

